## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 649/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Johann Sciberras**
**(K.I. 620882M)**

**Illum, 30 ta' Marzu 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Johann Sciberras** ta' 38 sena, iben Anthony Sciberras u Josephine neè Callus, imwieled ġewwa l-Pietà nhar il-15 ta' Novembru 1982 u residenti ġewwa BLK A-1, Flat 3, Pjazza Madonna ta' Fatima, Pietà u detentur tal-Karta ta' l-Identità numru **0620882M** fejn huwa ġie akkużat:

> Talli nhar it-23 ta' Novembru 2020 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u ċioè **Josica Tabone**, fastidju għal ikta minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali;
2. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u ċioè **Josica Tabone**, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali ta' fastidju sar b'mod li tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi;
3. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u ċioè **Josica Tabone**, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha;
4. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil **Josica Tabone**, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq biħ;

U iktar talli nhar it-22 ta' Novembru fl-4.15pm ġewwa Pembroke:

5. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'xi mod mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali;

6. F'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

7. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limit tal-provokazzjoni;

8. U iktar talli fl-imsemmija dati u ċirkostanzi kiser Ordni ta' Protezzjoni mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D nhar l-4 ta' Settembru 2020 u dan bi ksur tal-Artikolu 412Ċ (11) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Akkużat ukoll talli kiser l-Ordni ta' Probation a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kien ġie misju ħati

b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima LL.D nhar id-19 ta' Novembru 2020 fejn ġie liberat bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

10. Kiser il-provvediment ta' Sentenza Sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D, datata 04 ta' Settembru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Il-Qorti kienet mitluba titratta lil Johan Sciberras bħala persuna reċidiva meta ġie sentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Johan Sciberras** a benefiċċju ta' Josica Tabone u l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti kienet mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuna ta' **Josica Tabone** u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Johan Sciberras** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna lill-imsemmi **Johan Sciberras** sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fil-25 ta' Novembru 2020 l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-imsemmi Johann Sciberras jiġi trattat bi proċedura sommarja

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fit-8 ta' Jannar 2021 il-Qorti għamlet Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li għandu jibqa' validu sas-sentenza finali;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2022 il-Qorti laqgħet it-talba tad-difiża li jsir Social Inquiry Report fuq l-akkużat, liema rapport ġie ppreżentat fil-25 ta' Frar 2022;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Smegħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma pjuttost sempliċi. L-akkużat u l-parte civle Josica Tabone kienu f'relazzjoni li damet madwar sentejn u f'perjodu minnhom kienu anke jgħixu flimkien. F'Awwissu 2020, il-parte civile tterminat ir-relazzjoni tagħhom iżda l-akkużat baqa' jgħid li jħobbha u

li jixtieq li jerġgħu lura għal li kienu. Il-parte civile ma xtaqitx li terġa tirritorna f'relazzjoni mal-akkużat u filfatt qatgħet il-kuntatt li kellha miegħu. L-akkużat ma aċċettax dan l-istat ta' fatt u baqa' jiffittaha u jipprova jikkomunika magħha biex jerbaħa lura.

Illi fix-xhieda tagħha[1], il-parte civile Josica Tabone tispjega li hi u l-akkużat kienu f'relazzjoni u li t-tnejn kienu eks-*users* ta' sustanzi noċivi. Wara sena li kienu ilhom flimkien, l-akkużat reġa' waqa fil-vizzju tad-droga u tax-xorb u ma setatx tkompli miegħu, anke minħabba li din kienet qed taffettwa r-*recovery* tagħha. Tgħid li l-komportament tiegħu fir-relazzjoni kien pjuttost odjuż u darba minnhom saħansitra spara ħarpun fuq il-bieb tagħha. Tgħid li preċedentement ġiet imposta fuqu Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tagħha mill-Qorti. Tgħid li għamel żmien jiskonta sentenza oħra fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u tul dak iż-żmien kien iċemplilha regolarment u hi kienet tirrispondiħ biex tipprova tgħinu. Tkompli tgħid li fid-19 ta' Novembru 2020, hu ngħata l-Ħelsien mill-Arrest fuq każ ieħor u kif ħareġ mill- Faċilità Korrettiva ta' Kordin reġa' beda jċemplilha u jgħajjat fuq it-telephone. Qalet li hi bblokkat in-numru tiegħu mill-mobile tagħha iżda hu beda jċempilha minn telefowns oħrajn, fosthom ta' missieru, ta' oħtu u anke dak tad-dar.

Xehdet li fit-22 ta' Novembru 2020, oħt l-akkużat ċemplitilha biex tavżaha li l-akkużat kien fis-sakra u li kien sejjer id-dar tagħha. Filfatt, l-akkużat mar fir-residenza tal-parte ċivile u beda jħabbat fuq il-bieb u jgħid "Oħroġ. Oħroġ. Oħroġ.". Qalilha biex ma ċċempillx lill-pulizija għax ipatthielha. Xehdet li dak il-ħin ċemplet lill-pulizija u ġew u ħaduħ magħhom. L-għada ratu fejn il-post tax-xogħol tagħha u spiċċaw jiġru wara xulxin ġo Birkirkara. Beda jgħidilha "Jekk se ċċempel lill-pulizija se tpattiha". Dakinhar hi baqgħet sejra tagħhmel rapport mas-sezzjoni tal-vjolenza domestika fi ħdan il-korp tal-pulizija.

[1] A fol. 35 tal-Atti proċesswali.

Xehdet ukoll l-ispettur Audrey Micallef[2] fejn ikkonfermat dak kollu li qlatilha l-parte ċivile, skont ir-rapport li għamlet. Qalet li l-parte ċivile ma rieditx tagħmel Risk Assessment dakinhar peress li kienet diġà għamlet wieħed ftit żmien qabel għax dik ma kienitx l-ewwel darba li għamlet rapport fuqu. Qalet li hi ordnat l-arrest tiegħu però meta l-pulizija marru fir-residenza tiegħu ma setgħux jarrestawħ peress li kien fis-sakra. Qalet li meta sussegwentement mar l-għassa tal-Ħamrun biex jiffirma l-bail book, il-pulizija arrestawħ u hi kellmitu. Qalet li l-parte ċivile kienet ċemplitilha kemm-il darba biex tgħidilha li qed tħossha imbeżżża' ħafna minnu u serħitilha rasha li ser iżżid il-patrol tal-pulizija fejn ir-residenza tagħħa.

Xehdet WPS223 Charlene Calleja[3] fejn qalet li fit-23 ta' Novembru 2020 il-parte ċivile irrikorriet fis-sezzjoni tal-vjolenza domestika sabiex tagħmel rapport kontra l-istess akkużat. Hi kkonfermat il-verżjoni mogħtija lilha mill-parte ċivile u li hu kien iċemplilha diversi drabi biex jgħidilha li għadu jħobbha u hi kienet tgħidlu li ma tridx taf aktar biħ.

Xehed PS593 Raphael Attard Flores[4] fejn qal li hu kien mar fir-residenza tiegħu sabiex jaffettwa l-arrest tiegħu, iżda l-akkużat kien fi stat ta' sokor u seta potenzjalment anke ħa xi mediċini li kien jieħu regolarment. Hu ra li ma kienx fi stat li jiġi arrestat dakinhar.

Xehdet il-Psikologa Gail Debono[5] bħala xhud in difesa fejn qalet li l-akkużat kellu diversi problemi iżda qed jaħdem fuqhom u għalkemm għamel ħafna progress, għad fadal xi xogħol xi jsir. Qalet li l-motivazzjoni tiegħu hija għolja.

Illi mis-Social Inquiry Report[6] mħejji u ppreżentat bil-ġurament fil-25 ta' Frar 2022 mill-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Formosa, jirriżulta li l-

---

[2] A fol. 42 tal-atti proċesswali.
[3] A fol. 49 tal-atti proċesswali.
[4] A fol. 52 tal-atti proċesswali.
[5] A fol. 82 tal-atti proċesswali.
[6] A fol. 117 tal-atti proċesswali.

akkużat qiegħed jieħu l-kura psikjartrika meħtieġa sabiex jegħleb id-diffikultajiet li għandu. Jirriżulta li kellu xi diffikultajiet fit-trobbija tiegħu li affettwawlu parti minn ħajtu, però hu determinat li jirranġa ħajtu u anke għandu impjieg lest għaliħ. Sostniet li hu qed jikkowopera mal-professjonisti li qed jgħinuħ u qed isegwi l-kura u taħriġ mogħti lilu.

Ikkonsidrat;

**L-ewwel akkuża:**

Illi l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-akkużat hija dik li kkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu Josica Tabone fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali, liema akkuża hija arġinata fuq l-Artikolu 251A(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi rigward dan l-Artikolu, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **il-Pulizija vs Massimo Tivisini**[7] sostniet li l-ligi taghna ma tagħti ebda definizzjoni tat-terminu ġeneriku "fastidju" (dak li bl-Ingliż magħruf bħala "harassment") u dan in-nuqqas jagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju diversi forom ta' aġir differenti, li ta sikwit jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali ikkomplikati u delikati. F'dik is-sentenza, il-Qorti rriteniet li:-

> *"F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom....*
>
> *... Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi*

[7] **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini**, Qorti tal-Appell Kriminali, 27 ta' Frar 2009 (Appell Krim .Nru 351/2008).

*taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

Illi di più ir-reat in eżami jitlob illi persuna akkużata ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju (fil-verżjoni Ingliża tal-liġi "*pursues a course of conduct which amounts to harassment*"). Dwar l-element ta' "couse of conduct", jingħad fi Blackstone's Criminal Practice[8] li:

*"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct' (Ibqal v Dean Manson (Solicitors) [2-11] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]) The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be properly particularised in the information laid or the indictment (C v CPS [2008] EWHC 148 (Admin) and must be so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2004] EWCA Crim 3284, [2005] 1 Cr App R 27 (440); Pratt v DPP [2001]EWHC Admin 483; C v CPS). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a court of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580).*"

Illi aktar minn hekk, il-paragrafu (b) tal-Artikolu 251A(1) jistabilixxi verżjoni ta' dan ir-reat fejn l-akkużat iġib ruħu b'mod li jkun jaf jew li imissu jkun jaf li qiegħed ikun ta' fastidju għall-vittma. Illi f'dan ir-rigward, l-Artikolu 251A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jikkrea jistabbilixxi standard oġġettiv li miegħu persuna għandha tqabbel l-azzjonijiet tagħha biex tara jekk dawk jikkostitwixxux fastidju jew le.

[8] Blackstone's Criminal Practice, 2021, par B2.185.

Illi fil-fehma tal-Qorti, iż-żerriegħa li tat lok għall-azzjonijiet tal-akkużat hija x-xewqa tiegħu li jreġġa' lura r-relazzjoni li kellu mal-parte ċivile għal li kienet, jew aħjar "*rejected stalker*" kif hawn fuq deskritt. Dan ma jfissirx, madanakollu, li kull komunukazzjoni li hu għamel mal-parte ċivile jammonta għall-fastidju tal-parte civile. Il-parte civile xehdet li l-akkużat kien iċempillha regolarment u li fil-perjodu li huwa kien detenut, hi kienet tirrispondi t-telefonati tiegħu biex tipprova tgħinu. Meta ħareġ mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, madanakollu, is-sitwazzjoni inbidlet. Filfatt Tabone tixhed li fid-19 ta' Novembru 2020, l-akkużat ingħata l-Ħelsien mill-Arrest reġa' beda jċemplilha u jgħajjat fuq it-telephone. Meta nduna li hi bblokkat in-numru tiegħu, hu beda jċempilha minn telefowns oħrajn. Hu f'dan l-istadju li t-telefonati u l-insistenza tiegħu li jkellimha billi anke rrikorra fid-dar residenzjali tagħha, li l-aġit tal-akkużat beda jissodisfa l-elementi ta' dan ir-reat. Di più jirriżulta wkoll li hu ma ċempilx darba biss, iżda ċempel numru konsiderevoli ta' drabi u b'hekk hu wettaq il-"course of conduct" hawn fuq deskritt.

Illi b'hekk, l-ewwel akkuża ġiet ampjament ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

**It-Tieni akkuża:**

Illi t-tieni akkuża miġjuba kontra l-akkużat hija dik li kkaġuna lill-eks sieħba tiegħu Josica Tabone, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali ta' fastidju sar b'mod li tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u dan bi ksur tal-Artikolu 251AA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi huma mogħtija mill-Artikolu 251AA(1), li jistipola li:

> *"**251AA.** (1) Persuna:*
>
> *(a) li ġġib ruħha b'mod li jkun bi ksur tal-artikolu 251A(1), u*

*(b) l-imġiba tagħha jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi"*

Illi dwar l-ewwel element, din il-Qorti diversament ippresjeduta, fis-sentenza Il-Pulizija vs Sharon Gobey et[9] irriteniet illi:-

*"Biex tissussisti din l-imputazzjoni, trid tingieb il-prova li l-imputati gabu ruhhom b'tali mod li kissru d-dispozizzjoni tal-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u li din l-imgieba tammonta ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi."*

Illi aktar minn hekk, l-artikolu 251AA(2) jagħti lista mhux esklussiva ta' sitwazzjonijiet fejn persuna titqies li qed ġġib ruħha b'mod li l-imġieba tagħha tkun tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi filwaqt li l-Artikolu 251AA(3) jagħti lista mhux esklussiva ta' atti li għandhom jitqiesu bħala atti ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi.

Illi skont ma jirriżulta mill-provi prodotti, fit-23 ta' Novembru 2020 l-akkużat mar jistenna lill-parte civile fil-viċinanzi tal-post tax-xogħol tagħha biex jipprova jkellimha. Hi ipprovat taħarbu iżda hu baqa' jiġri warajha fit-toroq ta' Birkirkara. Dan l-insegwiment seħħ wara jiem ikkaratterizzati minn diversi telefonati tal-akkużat u l-għada li hu rrikorra d-dar residenzjali tal-parte civile biex jipprova ikellimha u spiċċat biex talbet l-għajnuna tal-Pulizija. B'hekk, dan l-inċident seħħ fil-qafas tal-kors ta' imġieba adoperat mill-akkużat kontra l-parte civile.

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan l-inċident fil-viċinanzi tax-xogħol tal-parte ċivile jammonta għal segwiment bil-moħbi ai termini tas-subinċiżi (a), (b) u (e) tal-Artikolu 251AA, liema imġieba tiegħu saret fil-qafas tal-

[9] Il-Pulizija vs Sharon Gobey u Mark Stagno, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 17 ta' Frar 2022.

fastidju li huwa kien qiegħed jikkawża lill-parte civile, u ta' liema imġieba din il-Qorti diġa esprimiet ruħa fir-rigward tal-ewwel akkuża.

Illi b'hekk, din it-tieni akkuża ġiet ukoll ampjament ipprovata sal-grad rikjest mil-liġi.

**It-tielet akkuża:**

Illi t-tielet akkuża miġjuba kontra Johann Sciberras hija li kkaġuna lill-eks sieħba tiegħu Josica Tabone, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza hawn fuq ċitata **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini**, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi:-

> *"Umbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fit-tieni imputazzjoni. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f'xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man."*

Illi di più, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Raymond Parnis**[10] irriteniet illi:-

---

[10] Il-Pulizija vs Raymond Parnis, Qorti tal-Appell Kriminali, 24 ta' April 2009, (Appell Krim. Nru 337/2008).

> *"Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."*

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li kien hemm diversi okkażjonijiet fejn l-aġir tal-akkużat ikkawża lill-parte civile biża' li ser tintuża vjolenza kontriha. Filfatt, meta fl-20 ta' Novembru 2020 l-akkużat irrikorra wara l-bieb tad-dar tagħha u beda jsabbat u jgħajjat biex hi toħroġ, hi ċemplet lill-pulizija sabiex jiġu u jieħduħ. Waqt dan l-inċident, l-akkużat beda jgħidilha biex ma ċċempilx lill-pulizija għax ipattihielha. B'żieda ma dan, l-għada ta' dan l-inċident huwa mar jistenniha fil-viċinanzi ta' fejn taħdem u reġa' beda jgħajjat, waqt li kien qed jsegwiha, biex ma ċċempilx lill-pulizija għaliex ipattihielha. Anke f'dan it-tieni inċident, il-parte ċivile beżgħet u rrikorriet fis-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika fi ħdan il-Pulizija sabiex tagħmel rapport kontriħ. Di più, l-Ispettur Audrey Micallef xehdet li l-parte ċivile stess qaltilha kemm-il darba li kienet qed tħossha imbeżża' ħafna mill-akkużat, tant li l-Ispettur kellha sserħilha moħħha li kollox se jmur sew u anke ordnat li tiżdied ir-ronda fil-viċinanzi tad-dar tal-parte civile.

Illi b'hekk, anke din it-tielet akkuża ġiet ampjament ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

**Artikoli applikabbli għall-ewwel tlett akkużi:**

Illi mix-xhieda prodotta jirriżulta mhux kontradett illi l-akkużat u l-parte ċivile għamlu żmien li kienu f'relazzjoni flimkien u anke għamlu żmien jabitaw flimkien. Dan il-fatt qiegħed jingħad in vista tal-Artikolu 251H(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola¸ *inter alia*, li l-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta d-delitt jitwettaq kontra is-sieħba preżenti jew ta' qabel. Di più, l-Artikolu 251HA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jkompli jistipola li l-piena stabbilita għad-

delitti msemmija f'dak is-Sub-titolu għandha tiżdied bi grad jew żewġ gradi f'kull każ imsemmi fl-artikolu 202 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta u kif applikabbli, iżda fejn il-Kodiċi jew xi liġi oħra diġà tipprovdi għal aggravju tal-piena fir-rigward taċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, l-ogħla piena tista' tiġi mogħtija.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li ċ-ċirkostanzi preżenti jinkwadraw ruħhom fl-Artikolu 202(h)(vi) tal-Kap. 9, liema artikoli jistipola li l-piena għandha tiżdied bi grad sa żewġ gradi fil-każ li d-delitt isir kontra persuna oħra li tkun jew kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le.

Illi b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, dawn l-aggravji huma applikabbli għall-każ *de quo*.

**Ir-raba' akkuża:**

Illi r-raba' akkuża hija dik li permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Josica Tabone, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq biħ, liema akkuża hija arġinata fuq l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola s-segwenti:-

> ***49.*** *Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika –*
>
> *(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
>
> *(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biexjagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lilħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xiħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra,jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persunaoħra; jew*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,*

*ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multata' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta'reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro(€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat;*

Illi mix-xhieda tal-parte civile jirriżulta li l-akkużat uża kemm il-mobile tiegħu kif, il-mobile ta' missieru kif ukoll dak tad-dar sabiex jipprova jikkomunika magħha. Dan m'għamlux darba biss iżda kien jużhom ripetutivament fil-perjodu ta' bejn id-19 ta' Novembru 2020 u t-23 ta' Novembru 2022.

Din il-Qorti diġà esprimiet ruħha rigward l-imġieba tal-akkużat versu l-parte ċivile u li din tissodisfa l-elementi tal-ewwel tlett akkużi. Jirriżulta li dawn ir-reati twettqu propju bl-użu tal-apparat ta' komunikazzjoni u dan ifisser li huwa l-Artikolu 49(ċ) tal-Kap. 399 li ġie vjolat. Mill-fatti kif esposti, il-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-Artikolu m'humiex sodisfatti.

B'hekk jirriżulta li din l-akkuża ġiet ipprovata sal-grad rikjest mil-liġi.

**Il-ħames, sitt u seba' akkużi:**

Illi l-ħames, sitt u seba' akkużi huma ta' natura kontravenzjonali u l-Qorti ser titratthom flimkien, anke għaliex dawn jirrelataw strettament ma' dak li ġara fit-22 ta' Novembru 2021, fl-4.15pm quddiem ir-residenza tal-parte civile, ġewwa Pembroke.

Illi l-ħames akkuża hija li l-akkużat volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'xi mod mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi s-sitt akkuża hija li  l-akkużat f'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi s-seba’ akkuża hija li l-akkużat għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band’ oħra fil-kodiċi kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareġ barra mil-limit tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi dwar dawn it-tlett akkużi, il-Qorti għandha quddiema xhieda tal-parte civile li tgħid li dakinhar tat-22 ta’ Novembru 2021, hija rċeviet telefonata mingħand oħt l-akkużat fejn informatha li hu kien fis-sakra u li kien sejjer lejn ir-residenza tagħha. Tgħid ukoll li filfatt, hu tela wara l-bieb tagħha u beda jħabbat mal-bieb u jgħid “Oħroġ. Oħroġ. Oħroġ.”

Illi apparti minn din il-verżjoni, il-Qorti m’għandha xejn aktar sabiex tikkostata dak li seħħ dakinhar ta’ dawn l-allegati inċidenti. Filfatt, għalkemm il-Qorti mhux qed tiddubita mill-kredibilità tal-parte civile, jibqa’ l-fatt li mix-xhieda tagħha ma joħorġux l-elementi rikjesti sabiex tinstab ħtija fir-rigward ta’ dawn it-tlett akkużi. Filfatt, fir-rigward tal-ħames akkuża ma tressqitx prova li bl-aġir tiegħu huwa kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika. L-istess jista’ jingħad dwar is-sitt akkuża. L-unika prova ta’ sokor li tressqet hija x-xhieda tal-parte ċivile li qalet li oħt l-akkużat qaltilha li kien fis-sakra. Din it-tip ta’ prova tikkostitwixxi *detto del detto* u għalkemm hija prova li oħt l-akkużat kelmitha, ma tikkostitwixxix prova tal-kontenut tagħha. Finalment, fir-rigward tas-seba’ akkuża, ma tressqet ebda prova li f’dan l-inċident tat-22 ta’ Novembru 2022, l-akkużat wettaq xi inġurja jew theddid skont dan l-artikolu. Filfatt, ta’ min jgħid ukoll li ma tressqet ebda prova rigward il-ħin tal-akkuża, ċioe li dan l-inċident seħħ fl-4.15 ta wara nofsinhar.

Għalhekk, il-Qorti ma jidhriliex li l-ħames, sitt u seba’ akkużi ġew ipprovati sal-grad rikjest mil-liġi.

**It-tmien akkuża:**

Illi t-tmien akkuża tirrigwardja l-ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament ppresjeduta nhar l-4 ta' Settembru 2020 bi ksur tal-Artikolu 412Ċ (11) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-vera kopja fotostatika ppreżentata fir-rigward ta' din l-Ordni[11] jirriżulta li fl-4 ta' Settembru 2020, din il-Qorti diversament ppresjeduta ħarġet Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat a favur tal-parte civile Josica Tabone, liema ordni hija valida għal-perjodu ta' sentejn minn dakinhar.

Illi in vista ta' dak hawn fuq espost jirriżulta li waqt il-perjodu operattiv tal-imsemmija Ordni, l-akkużat de quo reġa wettaq reati fil-konfront tal-parte civile Josica Tabone u għaldaqstant, il-Qorti tqis li din l-akkuża ġiet ipprovata sal-grad rikjest mil-liġi.

**Id-disa' u l-għaxar akkużi:**

Illi fir-rigward tad-disa' akkuża, rigwardanti ksur ta' Ordni ta' Probation mogħtija minn din il-Qorti diversament ppresjeduta u ta' l-għaxar akkuża rigwardanti ksur ta' sentenza sospiża wkoll mogħtija minn din il-Qorti diversament ppresjeduta, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova dwar l-eżistenza ta' l-imsemmija Ordni u tas-sentenza sospiża u b'hekk il-Qorti ma tqisx li dawn ġew ipprovati sal-grad rikjest mil-liġi.

**L-addebitu tar-reċidiva:**

L-istess għandu jingħad rigward l-addebitu tar-reċidiva misjub fil-ħdax-il akkuża. Ladarba l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova ta' sejbien ta' ħtija preċedenti, din il-Qorti ma tistax issib li dan l-addebitu ġie ampjament ipprovat u b'hekk m'hijiex ser tikkonsidra l-akkużat bħala reċediv.

[11] A fol. 46 tal-atti proċesswali

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 28B, 49, 50, 202(h)(iv), 222(1)(a), 251A, 251AA, 251B, 251H, 251HA, 338(dd), 338(ff), 339(1)(e), 383 u 412Ċ(11), tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, qed issib lil **Johan Sciberras <u>ħati</u>** tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u t-tmien akkużi, filwaqt li qed **<u>tilliberaħ</u>** mill-bqija tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

In vista ta’ dan, il-Qorti qed tikkundanna lil Johan Sciberras, fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ akkużi għall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) priġunerija effettivi filwaqt li fir-rigward tat-tmien akkuża qed tikkundannaħ għall-piena ta’ multa ta’ sebat’ elef ewro (€7,000).

Inoltre, l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 382A u 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta’ Josica Tabone, qed tpoġġi lill-akkużat Johan Sciberras taħt Ordni ta Trażżin għal perjodu ta’ sentejn (2), li jibdew jiddekorru mid-data tal-iskadenza jew maħfra tal-piena mogħtija b’din is-sentenza u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9, il-Qorti qed tpoġġi lill-akkużat Johan Sciberras taħt Ordni ta’ Trattament ghal perjodu ta’ tmintax (18)-il xahar bil-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jiġri jekk ma joqgħodx għall-htiġijiet tal-Ordni ta’ Trażżin u ta’ l-Ordni ta’ Trattament.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation.

**Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat